MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 1230/1997/1

Anthony Brincat
vs
Direttur Generali tax-Xogholijiet u s-Segretarju Amministrattiv

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz ghall-habta ta’ l-1988 u l-1990 huwa sofra ingustizzja f’li ma nghatax il-possibilita’ illi japplika biex jiehu promotions, u dan sar stante li saret distinzjoni u eskluzjoni indebita bi pregudizzju ghar-rikorrent;

Illi il-fatti fil-qosor tal-kaz kienu kif gej:
Illi circa fl-1981 ir-rikorrent gie assenjat doveri mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet ta’ l-Ilma fejn kellu l-kariga ta’ foreman (Assistant Works Technical Officer) fid-distrett numru 5.

Fl-1986 huwa inghata l-grad ta' Works Technical Officer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. F'April ta' l-1987 huwa rega ntbaghat lura mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici.

Illi b'ittra tal-25 ta' April ta' l-1988 ir-rikorrent gie interdett mill-qadi tal-funzjonijiet tieghu fuq bazi ta' nofs salarju minghajr ma nghata l-ebda spjegazzjoni (Dok A).

Illi b'ittra tal-11 ta' Mejju 1988 ir-rikorrent intalab imur il-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex jigi investigat fuq frodi, u misapproprjazzjoni ta' fondi pubblici fil-qadi ta' dmirijiet tieghu bhala ufficjal pubbliku in konnessjoni ma tqeghid ta' kanen ta' l-ilma matul l-1986. (Dok B)

Fil-fatt fil-21 ta' Gunju 1989 ittiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent fuq dawn l-akkuzi (Dok C).

L-interdizzjoni tar-rikorrent tnehhiet f'Lulju ta' l-1990 (Dok D) u dan nonostante l-fatt li l-proceduri kriminali fuq imsemmija kienu ghadhom mhux konkjuzi:

B'sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet il-"Pulizija vs Anthony Brincat" il-qorti tal-Magistrati (Malta) sabet lir-rikorrent mhux hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu u lliberatu minn kull akkuza (Dok E).
Illi fil-fatt ir-rikorrent dejjem sostna l-innocenza tieghu. Il-provi migbura mid-dipartiment u prodotti mill-Prosekuzzjoni kienu mill-iktar poveri kif jidher mis-sentenza u kellhom sahansitra zbalji ta' semplici matematika fil-kejl tax-xoghol li sar.

Illi kif se jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, il-mizura ta' interdizzjoni kienet wahda drastika u sproporzjonata ma' l-allegazzjonijiet li kienu qeghdin isiru kontra ir-rikorrent. Fil-fatt il-mizura dixxiplinarja li normalment tittiehed f'kazi ta' tali allegazzjoni hija s-sospensjoni u mhux l-interdizzjoni. In oltre, llum gurnata wara li r-rikorrent gie gudizzjarjament liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu jidher car li l-interdizzjoni kienet ghal kollox ingustifikata.

Illi fil-perjodu li ir-rikorrent kien interdett kienu hargu call for applications ghal grad ta’ Technical Officer I liema grad ir-rikorrent kien jikkwalifika. Dawn kienu:

- OPM Circular No 59/88 ta’ l-20 ta’ Mejju 1988
- WD 12/90 tat-12 ta’ Gunju 1990

Fil-fatt il-call of applications ta’ l-20 ta’ Mejju 1988 (Dok F) kienet tinteressa b’mod partikolari lir-rikorrent, stante li d-doveri ta’ Technical Officer kif deskritti fl-istess sejha ghall-applikazzjonijiet kienu jattaljaw perfettament mal-kwalifiki u l-esperjenza li kellu ir-rikorrent. Pero’ r-rikorrent ma setax japplika minhabba l-interdizzjoni li kienet inghatatlu.

B’hekk gie illi r-rikorrent mhux biss sofra trawma psikologika kbira u umiljazzjoni konsegwenza ta’ l-interdizzjoni u l-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu, izda tilef ukoll opportunitajiet biex javvanza fil-hajja lavorattiva tieghu. L-interdizzjoni inghatatlu meta r-rikorrent kienu ghadu kemm izzewweg ftit xhur qabel u ried imantni familja u jhallas id-dejn li kien dahal ghalih meta xtara d-dar matrimonjali. Dan halla konsegwenzi indelibbli fuq ir-rikorrent kemm fil-hajja familjari tieghu stante li t-tensjonijiet li pprovokaw waslu ghall-falliment taz-zwieg tieghu kif ukoll fil-hajja lavorativa tieghu stante illi ghalkemm illum jokkupa l-grad ta’ Technical Officer huwa tilef snin ta’ seniority.

Illi b’konsegwenza tar-riforma tas-servizz civili li saret fl-1991 ir-rikorrent ha l-grad ta’ Technical Officer liema grad ghadu jokkupa sal-lum.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu bix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma u jiddeciedi dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi l-hatra tar-rikorrent bhala Technical Officer I titqies b’effett mill-1988 u li

konsegwentement tordna illi llum il-grad tieghu huwa dak ta' Senior Technical Officer, tillikwida d-danni sofferti lir-rikorrent konsistenti fid-differenza fis-salarju dovuta lilu skond il-grad u s-seniority relattiva u ammont iehor dovut lilu bhala danni morali u'jew li jigi ordnat li jithallas lilu kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u tas-Segretarju Parlamentari fl-Ufficju tal-Prim Ministru li eccepew:

Illi r-rikorrent gie impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-23 ta' Gunju 1976 bhala App. Bldg. Tradesman. Fid-29 ta' Marzu 1980 hu lahaq il-grad ta' Mason u sar BTII fit-30 ta' Settembru 1980. Fl-1 ta' Dicembru 1981 lahaq il-grad ta' Assistant Works Technical Officer u fil-15 ta' April 1987 sar Works Technical Officer. Permezz tar-riforma li sehhet fis-settur pubbliku fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent gie assimilat bhala Technical Officer.

Illi r-rikorrent gie interdettat b'effett mis-26 ta' April 1988 minhabba li kienu bdew fil-konfront tieghu ndagni mill-pulizija fuq misapproprazzjoni ta' fondi pubblici. Din l-interdizzjoni kienet saret skond ir-regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku l-interdizzjoni tar-rikorrent giet imnehhija minghajr pregudizzju ghal passi kriminali li kienu ghadhom ghaddejjin fil-konfront tieghu. Ir-rikorrent abbazi gie mdahhal lura ghax-xoghol b'effett minn Lulju 1990.

Illi dwar is-sejha ghall-applikazzjonijiet li harget waqt li r-rikorrent kien jinstab interdett, ghandu jinghad illi ma hemm xejn li jimpedixxi lil xi ufficjal pubbliku li jkun interdett milli japplika ghal xi sejha ghall-applikazzjonijiet li tkun saret. Biss, jekk kemm il-darba dan l-ufficjal jigi

maghzul mill-Bord ta' l-Ghazla il-hatra tieghu tinzamm sakemm il-kaz tieghu jkun deciz mill-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn qal li beda jahdem id-Dipartiment tax-Xogholijiet fl-1976. Semma li wara li kien segwa kors, lahaq Building Tradesman II fl-1980, u f'April 1987 lahaq WTO u gie assenjat doveri mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Zied ighid li fil-21 ta' April 1987 gie trasferit f'taqsima ohra tad-Dipartiment tax-Xogholijiet tal-Ilma u fis-27 ta' April 1987 rega' gie trasferit mid-Dipartiment tax-Xogholijiet tal-Ilma ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, fejn baqa' jahdem fl-istess centru tar-Rahal Gdid. Semma li f'Gunju 1987 rega' gie trasferit ghad-Distrett I tal-Belt mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, u ftit wara gew migjuba zewg akkuzi kontra tieghu quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku. Semma li fl-ewwel akkuza kien hemm li agixxa b'mod irregolari rigward frontage contribution dovuta lid-Dipartiment izda gie nfurmat b'ittra li ma giex misjub hati. Semma ukoll li t-tieni akkuza, li ma kienx irritorna erba' water meters li kienu jidhru fuq ismu, u li b'ittra gie infurmat li kien gie misjub hati ta' din l-akkuza, u gie mmultat gimgha paga u nghata canfira. Spjega li fil-25 ta' April 1988, baghat ghalih id-Direttur dak iz-zmien, il-Perit Joseph Mizzi li nfurmah li kien ser jigi interdett. Hu dak iz-zmien, ma setghax jifhem ir-raguni, ghaliex kien gie interdett, u kiteb ittra lill-Prim Ministru fejn talbu jintercedi, izda rcieva ittra f'Lulju 1988, fejn gie nfurmat li l-proceduri dixxiplinarji kontra tieghu kienu skond kif provdut mil-ligi u, ghalhekk ma kienx il-kaz li l-ufficju tal-Prim Ministru

jindaga izjed minn hekk.  Zied ighid li f'Mejju 1988, intalab imur il-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex jigi nvestigat fuq akkuzi ta' frodi u misapproprjazzjoni ta' fondi fil-qadi tad-dmirijiet, u f'Gunju 1989 ittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu, izda hu dejjem sostna l-innocenza tieghu. Semma li l-interdizzjoni u l-proceduri kriminali kissruh moralment, kien ghadu jizzewweg u ried imantni familja u sofra trawma psikologika u kien qed jigi kkurat ghad-dipressjoni, u t-tensjonijiet li sofra wassluh anke ghal separazzjoni mall-mara.

Semma wkoll li fil-perjodu li kien interdett, kienu hargu sejhiet ghall-applikazzjoni ghall-grad ta' T.O.I. li kienu f'Gunju 1990.  Zied ighid li l-interdizzjoni tieghu tnehhiet f'Lulju 1990, u wara nghatat sentenza fit-3 ta' Ottubru 1997 mill-Qorti tal-Magistrati li ma sabitux hati tal-akkuzi kontrih.  Zied ighid li permezz tar-riforma tas-servizzi civili li saret fl-1991, ha l-grad ta' Technical Officer.  Semma wkoll li fl-1993, kien trasferit mad-Dipartiment tat-Toroq fejn hadem ta' Acting Co-ordination Manager fuq diversi xogholijiet ta' trinek u toroq godda, u kellu ukoll jahdem Ghawdex u attenda anke korsijiet u baqa jiehu interess fix-xoghol.
In kontro-ezami, qal li wahda mid-difizi li kienu jirrigwardaw l-allegati atti kontrih kien li ma kien hemm hadd iktar lil min jaghti handover.  Qal li qabel ma bdew l-akkuzi kriminali, ma kienx jaf x'kienu l-akkuzi.  Dwar il-promozzjonijiet, qal li kien sar jaf bihom sitt xhur wara li dahal lura ghax-xoghol.  Qal li l-interdizzjoni giet imnehhija mhux fuq talba tieghu.  Semma li meta kien interdett ha halfpay u meta dahal jahdem, ha l-fullpay u minn Lulju 1990 'il quddiem hadem regolarment.

Xehed <u>Dr. Michael Cordina</u> li qal ir-rikorrent ilu pazjent tieghu ghal xi 15 il-sena.  Qal li r-rikorrent kellu problema kbira relatata max-xoghol fejn kien jahdem, il-Public Works Department.  Semma li r-rikorrent kien ibati minn sintomi ta' ansjeta' u ta' dipressjoni.  Fir-rigward ta' l-effett tar-rikorrent mal-familja tieghu, qal li kien hemm hafna konflitti bejn il-mara u r-ragel, u bdew ibatu anke t-tfal, minhabba l-kundizzjoni psikologika tar-rikorrent.  Hu qal li jaf li r-rikorrent. Kien gie sospiz minn fuq ix-xoghol u li

kellu problemi finanzjarji u dak iz-zmien kien dejjem inkwetat. Qal li hu kien ikkura lir-rikorrent, amministralu xi pilloli, u meta rega' dahal lura ghax-xoghol qal li r-rikorrent kien dam naqra ma gie f' tieghu.

Xehed Brian Ebejer li qal sar jaf lir-rikorrent meta kien jahdem il-Water Works Department u hu kien wiehed mill-foremen li kien inkarigat mid-distrett tar-Rahal Gdid. Qal li r-rikorrent kien jahdem tahtu u kien jaghmel xoghlu mill-ahjar li jista', li kien jiehu nteress fuq ix-xoghol u l-problemi kien jipprova jsolvihom. Iddeskrivih bhala dedikat fuq xogholu. Qal li sar jaf li r-rikorrent kien gie sospiz, izda f'dak iz-zmien, hu kien qed jahdem x'imkien iehor.

Xehed Anthony Mifsud li qal jiftakar lir-rikorrent fi zmien meta kien ma' guy ta' kostruzzjoni tal-gebel. Qal li hu kien superjur tar-rikorrent u r-rikorrent kien T.O.2. u dan kien sal-1982, peress li wara l-1982 ir-rikorrent kien gie assenjat jaghmel xoghol fuq id-distribution. Iddeskriva lir-rikorrent bhala bniedem li dejjem irid jitghallem fuq ix-xoghol, kien ambizzjuz u kien jiehu hafna inizjattiva fir-rigward tax-xoghol. Zied ighid li s-Sur Brincat ma kienx foreman, kien assistent ta' foreman, izda qal li min-naha tal-foreman, qatt ma sema rapporti negattivi fil-konfront tar-rikorrent. Fl-ahhar nett, qal li wara l-1987, hu gie trasferit u ma kellux iktar kuntatt mas-Sur Brincat u ma jafx li ttiehdu proceduri kontrih kemm mill-P.S.C. u mill-Pulizija u li kien gie sospiz mix-xoghol.

Xehed Godfrey Casha li qal meta kien jircievi complaints fuq id-distributuri tal-ilma, kien ighaddihom lir-rikorrent. Qal li s-Sur Brincat kien jaqdi n-nies u kien tajjeb f'xogholu u kien jaqdi n-nies fil-problemi li kien ikun hemm. U hu qal li ma jaf bl-ebda rapport negattiv fil-kontront tar-rikorrent fir-rigward tal-mod kif kien jitmexxa d-distrett.

Xehed Joseph Fiott li jaf lis-Sur Brincat jahdem mieghu ghall-habta tal-1988, 1989. Qal li dak iz-zmien kien Works Manager u r-rikorrent kien foreman mieghu fis-sezzjoni li tinkludi il-Belt, il-Furjana, il-Hamrun u l-Marsa. Semma li wara xi sena jahdem mieghu, ir-rikorrent kien gie sospiz, u kien hemm hafna xoghol f'din is-sezzjoni u

kien hemm xoghol li qed isir fuq it-toroq tal-Marsa. U qal li kemm dam ir-rikorrent mieghu, kien hadem hafna fuq dan il-progett, u r-rikorrent kien jaqdih kif suppost, u qal li kellu bejn 10 u 20 tahtu.

Xehed Manuel Cortis, rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet li esebixxa Dok a fol 98, ir-rizultat tal-marki fir-rigward tal-promozzjoni ghall-grad ta' T.O.I. Hu pprezenta ukoll Dok a fol 134, li fih il-marki li ottjenew il-kandidati fl-applikazzjonijiet tal-1990. Spjega li barra li finalment gew appuntati jidhru a fol 98 semma ukoll li fiz-zewg sejhiet ghall-applikazzjonijiet, il-membri kien mahtura mill-P.S.C. Zied ighid li ma rrizultalux, m'hemm imkien ipprojbit li xi mpjegat li jkun interdett ma jistax japplika ghall-promozzjoni. Hu ta informazzjoni ukoll dwar Vincent Cilia li jinsab fl-istess Dipartiment tax-Xogholijiet u ttiehdu passi kriminali kontra tieghu minhabba extortion, izda dan il-persuna ghada ma giex interdetta ghalkemm il-proceduri ghadhom ghaddejjin.

Hu spjega li wara li ntalab il-police report u l-Bill of Indictment, qal li l-procedura hi li tigi rakkomandat lill-P.S.C. jekk din il-persuna ghandhiex tigi interdetta jew li u wara jkun hemm decizjoni tal-P.S.C. Qal ukoll li d-Direttur, fuq reat serju ghandu d-dritt jissospendi qabel tigi l-approval tal-P.S.C. Semma li s-sejha ghall-applikazzjoni fl-1990, kienet sejha interna.

Xehed Vince Piccinino, rapprezentant tas-Segretarju Amministrattiv li fuq talba tar-rikorrent esebixxa a fol 154, lista tal-abbuzi u reati li kienu akkuzati bihom l-impjegati tal-gvern, u li ttiehdu proceduri kriminali kontrihom in konnessjoni max-xoghol taghhom, izda ma gewx interdetti. Dawn jirreferixxu ghall-perijodu 1987-2000. Din il-lista tinkludi wkoll assault, fighting, bribery, bomb hoax, extortion, falsification of documents, illegal importation, misappropriation, drug possession and prostitution.

Xehed James Catania, rapprezentant tas-Segretarju Amministrattiv li spjega li l-policy hi li m'hemm xejn x'izomm individwu li jkun interdett – milli japplika ghas-sejha ghall-applikazzjonijiet li tohrog. Hu esebixxa a fol

164, lista ta' nies li gew interdetti mill-1997 sal-2000, u dan pendenti proceduri kriminali.

**KONKLUZJONIJIET:**
L-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li fl-1988 bdew diversi proceduri kontra r-rikorrent inkluz kriminali u r-rikorrent gie interdett mill-qadi tal-funzjonijiet tieghu u spicca b' nofs is-salarju u skond ma jsostni hu ma setax japplika ghall-promozzjoni u kawza ta' hekk tilef il-possibbilta` li javvanza ghalkemm eventwalment b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-3 ta' Ottubru 1997 ma giex misjub hati u gie liberat.

Jinghad li r-rikorrent hu bniedem li diversi persuni, kollegi u superjuri tieghu, ghaddew kummenti favorevoli hafna dwar l-impenn tieghu fuq ix-xoghol u li dan ifisser li r-rikorrent fil-fatt kellu cansijiet qawwija li javvanza u li jiehu l-promozzjoni li ilmenta dwarha cioe` ghal Technical Officer I kemm OPM Circular 59/88 u WD 12/90. Ir-rikorrent insista li fil-fatt hu anqas biss seta' japplika ghal din il-promozzjoni minhabba li kien interdett mill-qadi ta' dmirijietu. Irrizulta pero` mid-depozizzjonijiet ta' diversi ufficjali gholja tal-Gvern li dan ma kienx il-kaz u kkonfermawh kemm James Catania rapprezentant tas-Segretarju Amministrattiv kif ukoll Manwel Cortis rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Izda jinkombi fuq dan it-Tribunal li jara jekk kienx gust li r-rikorrent jigi interdett fuq l-akkuzi li kellu u xi procedura kienet tintuza dwar persuni ohra. L-akkuzi jirrizultaw cari mill-kopja tas-sentenza a fol 8 tal-process u li permezz tal-istess sentenza l-Magistrat wasal ghall-konkluzjoni li dak li rrizulta kienu suppozizzjonijiet li ma jwasslux sal-grad tac-certezza mill-provi prodotti u ghalhekk sabet lir-rikorrent mhux hati u illiberatu minn kull akkuza. Mid-depozizzjoni tas-Sur Piccinino rapprezentant tas-Segretarju Amministrattiv irrizulta li numru kbir ta' persuni li gew akkuzati b' diversi reati hadd minnhom ma gie interdett mill-qadi ta' dmirijietu, inkluz nies li kienu suggetti ghal akkuzi ta' natura aktar serja u hawnhekk fil-fehma tat-Tribunal, specjalment meta wiehed iqis il-fatt tal-provi limitati li kien hemm tant li r-rikorrent ma nstabx hati, li l-

passi ta' interdizzjoni kienu wisq severa. Huwa veru li skond is-Sur Catania u Cortis ir-rikorrent seta' xorta wahda japplika u li fil-fatt ir-rikorrent ma applikax, u b' hekk kompla irrenda l-pozizzjoni tieghu aktar difficli izda fl-istess hin it-Tribunal isib ferm difficli li r-rikorrent kien jinghata l-promozzjoni meta kien ghaddej minn dawk il-proceduri. Dan l-agir li fil-fehma tat-Tribunal jikkostitwixxi ingustizzja kif definita fil-Kap 394 certament affettwa l-hatra tar-rikorrent, liema promozzjoni r-rikorrent eventwalment hadha b' konsegwenza tar-riforma fis-Servizz Civili. Certament li t-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorrent li jsir Senior Technical Officer ghax b' ebda mod ma tista' tinkwadra taht il-poteri tat-Tribunal u peress li t-Tribunal biex jasal ghall-fatt definit li r-rikorrent kien jiehu l-promozzjoni kieku applika jrid ikollu skeda komparattiva tar-rikorrent u min fil-fatt ha l-hatra.

Ghal dawn il-motivi peress li l-ilment tar-rikorrent fuq il-mertu jidher gustifikat, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv fl-ghoti tal-promozzjoni, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------